MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 321/2011

**George Falzon**

**-vs-**

**Joseph Buttigieg**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat minn George Falzon fit-30 ta’ Marzu 2011 li permezz tiegħu ippremetta:

**A. Dikjarazzjoni tal-fatti**

1. Illi r-rikorrenti huwa l-proprjetarju ta’ fond ossia, garaxx bl-isem “St. Joseph’s Garage”, St. Anthony Street, Żabbar wara illi huwa akkwista dan il-fond permezz tas-subbasta immobbi numru 28/07 fl-ismijiet **“Suor Francis Buttiġieġ et vs Angelo Buttiġieg”**.

2. Illi dan il-garaxx igawdi minn *skylight* illi kienet inbniet minn Joseph Buttiġieg, li jiġi n-nannu tal-intimat, meta huwa kien kabbar il-garaxx b'xi tletin pied 'il ġewwa sabiex il-parti l-ġdida jkollha dawl u arja.

3. Illi xi żmien wara illi saret din l-i*skylight*, l-intimat akkwista l-fond sovrastanti l-imsemmi garaxx permezz ta' kuntratt pubbliku datat għaxra (10) ta' Diċembru tas-sena elfejn disa' mija u tlieta u disgħin (1993) fl-atti tan-Nutar Dottor John Bisazza LL.D. u għamel opramorta madwar il-parti tal-bejt sovrastanti l-estensjoni tal-garaxx fejn kien hemm l-imsemmija *skylight* illi għalhekk ġiet abbużivament magħluqa mill-intimat mingħajr ebda permess jew awtorizzazzjoni da parti tar-rikorrenti.

4. Illi fil-ħamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) din il-Qorti kif diversament preseduta kienet ordnat lil Raymond Buttigieg, il-proprjetarju preċedenti tal-fond sovrastanti l-imsemmi garaxx, sabiex jirripristina l-i*skylight* kif kienet qabel ma nbniet l-opramorta permezz tas-sentenza fl-ismijiet **"Paul Buttigieg vs Raymond Buttigieg"** (Ċit Nru. 575/95 AJM), liema sentenza ġiet konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-tmienja (8) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000).

5. Illi għalkemm l-intimat jew l-aventi kawża tiegħu kien reġa' fetaħ l-i*skylight* hekk kif kien ġie ordnat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-intimat odjern reġa' għalaq din l-i*skylight* abbużivament, meta hawn jaf illi skond is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell hawn fuq ċitata m'għandu l-ebda dritt li jżommha magħluqa.

B. <u>**Raġunijiet għat-Talbiet Attriċi**</u>

1. Illi l-intimat abbużivament għalaq l-imsemmija *skylight*, fis-sens illi huwa għamel dan mingħajr l-ebda dritt fil-liġi jew awtorizzazzjoni mill-esponenti, speċjalment meta kien jaf illi huwa ma kellu ebda dritt jagħmel dan a bażi tas-sentenza *su* ċitata.

2. Illi għalkemm diversi drabi interpellat sabiex jirrispristina dina l-i*skylight* huwa għadu s'issa m'għamilx hekk.

## Ċ. Talbiet Attriċi

Għaldaqstant jitlob umilment lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Tiddikjara illi l-intimat ma kellu ebda dritt jagħlaq l-imsemmija *skylight* u dan *ai termini* tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tas-6 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"Paul Buttigieg vs Raymond Buttigieg"** Ċit. NRu. 579/95 AJM);

2. Tordna għalhekk lill-intimat, a bazi tas-sentenza su ċitata jerġa' jiftaħ l-imsemmija *skylight* fi żmien qasir u perentorju;

3. Fin-nuqqas illi l-intimat jagħmel, tawtorizza lir-rikorrent jerġa' jiftaħ l-i*skylight* huwa stess;

Okkorrendo taħt is-superviżjoni ta' perit nominadi għaż-żewġ talbiet.

Bl-ispejjez kollha unikament kontra l-intimat li minn issa huwa nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat naqas li jippreżenta risposta ġuramentata u għalhekk huwa kontumaċji skond il-liġi;

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' Lulju 2011 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li l-Avukati rispettivi trattaw il-każ;

Ikkunsidrat;

Illi kif ġja' ssemma', l-attur qed jitlob li jingħalaq l-i*skylight* illi huwa miftuħ fil-fond in kwistjoni, u dan skond is-

sentenza mogħtija minn din il-Qorti u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell (bejn partijiet oħra);

Illi t-talba attriċi hija ppruvata u kwindi timmerita li tiġi milqugħa;

**Għalhekk din il-Qorti fil-kontumaċja tal-konvenut, tilqa' t-talbiet kollha attriċi u *ai termini* tat-tieni talba tipprefiġġi terminu ta' xahrejn.**

**Il-Qorti tinnomina lill-AIC Godwin Abela biex f'kull każ jissorvelja x-xogħlijiet neċessarji.**

**L-ispejjeż kollha tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------